**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA’ LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 53 – IT-TNEJN, 28 TA’ SETTEMBRU 2015 FL-5.30pm**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skuzati

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |

Assenti

| | |
|---|---|
| Malcolm Abdilla | Kunsillier assenti |
| Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 52**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti.

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti li joħorġu mill-Minuti 52**

2.1 Rigward paragrafu 3.1 is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li s-Sur Owen Borg kien skuża ruħu wara.

2.2 Rigward paragrafu 7.2 kien hemm qbil li nitolbu stima tal-Perit tal-Kunsill għall-ħsarat li saru fi Ġnien Gorg Preca mix-xogħlijiet li qed isiru mill-WSC. Kien hemm qbil. Il-Kunsill ġie nfurmat li intbagħtet l-ittra lil GDP rigward it-tables and chairs tal-ħanut Pinto.

**3 Pagamenti Numru 45**

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Korrispondenza

4.1 Kien hemm diskussjoni rigward Workshops għat-tfal tal-Crafts f'Palazzo Falson. Kien hemm qbil li l-Kunsill jorganizza grupp tfal tal-iskola għal dawn il-workshops fejn il-Kunsill jissussidja l-prezz b'4 Ewro u jipprovdi t-trasport. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

4.2 Rigward il-korrispondenza minn residenta minn Triq Ta' Żwejt, il-Kunsill iddeċieda li ma jbiddilx it-Traffic Management ta' din iz-żona.

4.3 Kien hemm diskussjoni rigward talba biex isiru 3 U Bollards fi Triq il-Mensija għal Marc Pharmancy. Kien hemm qbil li dawn isiru skont il-bye law tal-Kunsill.

4.4 Kien hemm diskussjoni rigward talba biex jeħel radio receiver għal stazzjonijiet lokali tar-radio. Kien hemm qbil fuq dan u għandu jsir pagament ta' 600 Ewro fis-sena bħala kumpens.

4.5 Ġiet diskussa talba biex issir sleeping policeman fil-parti ta' ġewwa ta' Triq il-Mensija. Wara diversi kunsiderazzjonijiet, ġie deċiż li din ma ssirx.

4.6 Kien hemm diskussjoni rigward talba biex isir double yellow line quddiem garage ta' resident fis-service road ta' Vjal ir-Riħan. Dan qed jilmenta li qed isir parkeġġ quddiem il-garage tiegħu minħabba li jinsab viċin ta' supermarket. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lil TM.

## 5 Komunikazzjoni mis-Sindku

.

5.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill b'korrispondenza li kien hemm mill-ufficjali tal-WD rigward il-proġett ta' Ġnien Karin Grech.

5.2 Għandha ssir laqgħa mal-Ministru Owen Bonnici rigward l-heritage li jinsab f'San Ġwann hekk kif ġie kkomunikat f'ittra mis-Sindku.

5.3 Kien hemm diskussjoni rigward l-appell pendenti fuq it-tender tal-ġbir tal-iskart domestiku. Kien hemm qbil li jsir estensjoni tal-kuntratt kurrenti sal-aħħar ta' Diċembru biex il-Kunsill ikun garantit li jkollu servizz sodisfaċenti sakemm jinqata' l-appell.

## 6 Affarjiet Oħra

6.1 Is-Sur Dominic Cassar ilmenta rigward:

6.1.1 Il-lattrina li ġieli tkun għada magħluqa sad-9.00am u l-bandiera ma tkunx imtella'.

6.1.2 Laqgha mal-MEPA rigward diversi irregolaritajiet fil-lokal. Ġie nfurmat li l-Kunsill għandu jiftaħ kawża l-qorti jekk iridu li jittieħdu azzjoni.

6.1.3 Talba għal double yellow lines maġenb garage fi Triq Ugo Carbonaro. Kien hemm qbil li dawn ma jsirux.

6.1.4 Żebgħa li sar illegali minn resident fi Triq it-Trunċiera t-Twila. Din iż-żebgħa tneħħiet mill-Kunsill.

6.2 Is-Sinjura Marica Bayliss tkelmet rigward:

6.2.1 Laqgħa li kellha mal-Ispettur Spagnol fejn il-Kunsill għandu jibgħat ritratti ta' illegalitajiet fil-lokal. Ġie diskuss ukoll in-nuqqas ta' pulizija fil-lokal. Għandha tintbagħat ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija.

6.2.2 In-nuqqas ta' kotba speċjalizzati fil-librerija tal-Kunsill. Ġie deċiż li jinxtraw kotba għal dawk bi bżonnijiet speċjali.

6.2.3 Is-Sur Tony C Cutajar għandu jagħmel donazzjoni ta' kotba miktuba minnu għal-librerija tal-Kunsill.

6.2.4 Mhux kuntenta bix-xogħol tal-kuntrattur tal-ġonna u s-soft areas. Għandhom jinħarġu Default Notices jekk ix-xogħol ma jsirx kif suppost u meta mitlub.

6.2.5 Kien hemm qbil li tintbagħat ittra lis-sid tal-għalqa ħdejn il-każin tal-banda li għandha parti miċ-ċint imkisser u hu ta' periklu għal min ikun qed jagħmel użu tal-bankina.

6.2.6 Wasal l-ewwel ta' Ottubru u l-Kunsill għadu qed jieħu bookings għal wardens TMS.

6.3 Is-Sur Neville Mallia tkellem rigward:

6.3.1 Bżonn ta' U bollard fi Triq Ġużè Borg. Kien hemm qbil.

6.3.2 Boroż tar-rubbish u ħmieġ tal-klieb fis-soft area ta' Triq Ġorġ Tayar. Hu ppropona li din tingħalaq b'fencing. Ma kienx hemm qbil fuq din u għandha ssir tabella "Naddaf wara l-kelb tieghek".

6.3.3 Talba biex tissewwa l-bozza taż-zebra crossing fil-parti t'isfel ta' Triq Bellavista. Il-Kunsill din diġà jaf biha.

**7 Għeluq il-Laqgħa**

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 12 ta' Ottubru 2015 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Etienne Bonello Du Puis**<br>**Sindku** |